Sommarju ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [1])

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 23/02)

Deċiżjonijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni

Referenza tad-Deċiżjoni [1]	Data tad-Deċiżjoni	Isem is-sustanza	Detentur tal-awtorizzazzjoni	Numru tal-awtorizzazzjoni	Użu awtorizzat	Data tal-iskadenza tal-perjodu ta' rieżami	Raġunijiet għad-Deċiżjoni
C(2017) 69	Is-17 ta' Jannar 2017	Trikloroetilene Numru tal-KE: 201-167-4; Numru tas-CAS: 79-01-6	DOMO Caproleuna GmbH, Bau 3421, Am Haupttor, 06237 Leuna, il-Ġermanja	REACH/16/8/0	L-użu bħala solvent ta' estrazzjoni għall-purifikazzjoni tal-kaprolattam miż-żejt tal-kaprolattam	Il-21 ta' April 2023	Skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi jegħlbu r-riskju għas-saħħa tal-bniedem li ġej mill-użu tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata f'termini tal-fattibbiltà ekonomika u teknika tagħha.

[1] Id-Deċiżjoni tinsab fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about_mt

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.